# KUMITAT AMMINISTRATTIV

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 04b/KA1/10

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 03/11/'10 4**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 03/11/'10 5**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 3 ta' Novembru 2010.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Karl Consiglio
Membru Joseph Oliva

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Assenti: Il-Membru Carmel Agius.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fid-19 t'Ottubru 2010. l-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Rapport Finanzjarju
3. Komunikazzjoni miċ-Chairman
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 03/KA1/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Chairman ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Karl Consiglio ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Rapport Finanzjarju**

2.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ottubru 2010 (Ara Appendiċi 'A').

2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

2.03 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

2.04 Il-Viċi-Chairman issekondah.

2.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**3. Komunikazzjoni miċ-Chairman**

3.01 Inġibet għall-attenzjoni tal-Kumitat il-korrispondenza rif. 5481/10 mingħand is-Sur Elton Spiteri li tittratta dwar talba sabiex titwessa' l-bankina fi Triq Paceville quddiem ir-restorant Maltese Mama. Ġie deċiz unanimament li tiġi nfurmata t-Transport Malta illi l-Kumitat joġġezzjoni li titwessa' l-bankina.

3.02 B'riferenza għall-coaches li qed ikun hemm jistennew fi Triq Ross, ġie deċiż unanimament li tintbagħat talba lit-Transport Malta sabiex dawn ma jibqgħux hemm weqfin jistennew li jintlew iżda jiġi allokat post għalihom fi Triq Reġjonali, u jissejħu biex jagħtu s-servizz meta jkun hemm il-bzonn.

3.03 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ssir talba lit-Transport Malta sabiex il-ħinijiet tat-tabelli tal-*Loading/Unloading Bays* li hemm f'Paceville kollu jsiru mid-9.30 a.m. sal-11.30 a.m., mit-Tnejn sas-Sibt.

- Tintalab lista lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, ta' l-istabbilimenti kollha li hemm f'Paceville, li għandhom permess sabiex jarmaw l-imwejjed u siġġijiet fuq il-bankini, inkluż l-*area* li jistgħu jokkupaw. Dan minħabba li mhux jitħalla biżżejjed spazju għall-pubbliku minn fejn jgħaddu meta l-istess imwejjed u siġġijiet ikunu okkupati mill-klijenti.

## 4 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

4.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Viċi-Chairman ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Il-Membru Karl Consiglio ssekondah.

4.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 35 sa 36 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Il-Membru Joseph Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

5.03 Iċ-Chairmain issekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

5.05 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Richard Scicluna** | **Helen Walker** |
| **Chairperson** | **Segretarju Ezekuttiv** |